**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 - IL-ĦAMIS 8 TA' AWWISSU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fid-21:30) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsilliera Galea kien infurmah li se jasal tard.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Sammut, li kienet issekondata mis-Sindku, il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.2. Dwar punt 8 il-Kunsillier Bonnici ippreżenta rapport mill-MAGF.

2.3. Il-Kunsillier Miceli staqsiet dwar para. 2.8 fejn is-SE spjega kif kien qiegħed isir il-proċess għall-preparazzjoni tal-kuntratt il-ġdid.

2.4. Dwar para. 4 il-Kunsillier Bonnici informa li kien ra l-ittra ta' direzzjoni (*Management Letter*) u kien qabel mar-risposti kif imħejjija mis-SE. Is-SE għalhekk kien bagħat ir-risposta kif maqbul.

**3. IL-PROBLEMI MA' TRANSPORT MALTA**

3.1. Is-Sindku semmiet li kif kulħadd inżamm infurmat, kienet se ssir laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-trasport l-Onor. Joe Mizzi dwar il-problemi li l-Kunsill

kien qiegħed jiffaċċja ma' Transport Malta (TM). Din il-laqgħa ġiet iffissata għall-għada 9 ta' Awwissu fil-11am.

3.2. Is-Sindku esprimiet li l-attitudni ta' TM ma kinitx aċċettabbli. Ħasset li kien importanti li l-Kunsill ikun jaf min ilmenta u jekk l-ilmenti kienux reali. Hija pproponiet li wara l-laqgħa tinħareġ stqarrija għall-istampa kemm jekk ikun hemm riżultat pożittiv kif ukoll jekk le.

3.3. Il-Kunsillier Gatt semma l-każ li kien hemm *email* interna bejn il-Kunsillieri li għaddiet lill-istampa u li ħass li dan mhux sewwa.

3.4. Is-Sindku spjegat li hija stess ma kinitx taf b'dan u lanqas ma taqbel li ġara hekk.

3.5. Il-Kunsillier Sciberras sostna li, għalkemm lanqas hu ma kien jaf kif ħarġet tali *email*, wissa li, la darba jkunu kkupjati diversi persuni, wieħed ma jistax jeħodha bi kbira li xi *emails* jgħaddu għand l-istampa u għaliex ukoll ix-xogħol tal-Kunsillieri huwa awtomatikament pubbliku.

3.6. Is-SE wera d-diżappunt kbir tiegħu li b'dak li ħareġ fil-pubbliku deher li donnu l-kummenti kienu tiegħu personali meta ma kienx il-każ. Huwa wkoll wera d-dispjaċir li kien hemm kummenti fuq *Facebook* kontra tiegħu direttament u li ħadd mill-Kunsillieri ma biss ikkummenta. B'hekk tħalla jidher waħdu meta kienet xi ħaġa tal-Kunsill kollu.

3.7. F'dan ir-rigward il-Kunsill b'mod unanimu kkundanna l-kummenti li saru fil-konfront tas-SE u ddikjara li s-SE kien qiegħed jitkellem f'isem il-Kunsill u ma kien qiegħed qatt jesprimi xi opinjoni personali tiegħu.

3.8. Il-Kunsillier Sammut semma li l-aġir ta' TM kien qiegħed jikser iċ-*Charter for Local Self Government* għaliex il-Kunsilli għandhom dritt għall-awtonomija li toħroġ mill-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.9. Il-Viċi Sindku saħqet li l-problema hija l-mod kif ġraw l-affarijiet għax juru nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsill.

3.10. Meta kien diskuss kif il-Kunsill għandu jipproċedi, wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jieħu deċiżjoni qabel ma ssir il-laqgħa mal-Ministru.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-lista ta' ordnijiet u l-lista ta' dħul għax-xahar ta' Lulju. Dawn huma annessi f'B u Ċ rispettivament.

## 5. SKEMA TAL-*LIVE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

5.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jibdel l-ordni tal-laqgħa.

5.2. Il-Kunsill qabel li japplika għall-iskema tal-*live streaming* għalkemm intqal li s-sistema għandha tkun tajba u tal-aqwa kwalità possibli, anki jekk ikun hemm aktar flus involuti.

## 6. MOZZJONI DWAR L-UŻU TAL-ERBIĊIDI FIL-KUNTRATT TAT-TINDIF TAT-TOROQ

6.1. Il-Kunsillier Sciberras ressaq mozzjoni biex fit-tindif tat-toroq, b'mod partikulari fil-kontroll tal-ħaxix ħażin, ma jibqax jintuża aktar bexx. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Sammut.

6.2. Il-Kunsillier Sciberras introduċa l-mozzjoni fejn stqarr li, la darba hemm evidenza li b'xi mod dan il-bexx jagħmel ħsara lill-bniedem, il-Kunsill għandu

jieħu l-inizjattiva biex ma jibqax isir tali bexx u l-ħaxix ħażin ikun ikkontrollat b'mod mekkanizzat.

6.3. Il-Kunsillier Sammut ħass li kellu jirtira milli jissekonda din il-mozzjoni għaliex, wara li stħarreġ bir-reqqa l-informazzjoni li sab hu, ma ħassx li kellu jkun favur din il-mozzjoni.

6.4. Fin-nuqqas ta' sekondant is-SE informa li d-diskussjoni ma setgħetx tkompli sakemm ma jkunx hemm sekondant ġdid.

6.5. Imbagħad issekondaw il-mozzjoni l-Kunsillieri Miceli u Bonnici.

6.6. Sa dan il-ħin kollox kien jindika li l-maġġoranza kienet kontra l-mozzjoni filwaqt li l-Kunsill għadda biex jivvota fuq il-mozzjoni. Il-Kunsillier Sciberras talab li fuq il-minuti jitniżżlu l-ismijiet kif se jivvutaw.

6.7. Meta ttieħed il-vot ir-riżultat kien erbgħa favur (Il-Kunsillieri Sciberras, Miceli, Bonnici u s-Sindku) u erbgħa kontra (Il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Agius, Gatt u Sammut). Is-Sindku imbagħad tefgħet il-*casting vote* biex il-mozzjoni għaddiet.

6.8. Il-riżoluzzjoni approvata hija annessa f'D.

6.9. F'dan il-ħin iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amminstrattiv kienet skużata għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:24.

## 7. EUROPEAN MOBILITY WEEK – CAR-FREE DAY 2013

7.1. Il-Viċi Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva u jorganizza attività. Issekonda l-Kunsillier Sammut.

7.2. Bdiet diskussjoni dwar x'għandu jkun organizzat.

7.3. Is-SE ġibed l-attenzjoni li, appena ħarġet l-applikazzjoni, huwa kien bagħat komunikazzjoni bl-*email* lill-Kunsillieri kollha biex jekk għandhom ideat jaqsmuhom u jiddiskutuhom permezz tal-*email* għaliex ma kienx hemm biżżejjed żmien. Madanakollu huwa esprima d-diżappunt tiegħu li ħadd ma kien ikkomunika lura b'suġġerimenti. Huwa għalhekk ġibed l-attenzjoni li l-applikazzjoni tagħlaq fil-15 ta' Awwissu u għalhekk ma kienx fadal biżżejjed żmien biex ikun stabbilit programm sura u eventwalment ikunu implimentat. Huwa ħass li issa huwa prattikament impossibli li jitfassal programm u tiġi organizzata l-attività.

7.4. Il-Kunsill fehem is-sitwazzjoni u qabel li ma japplikax minħabba li ma kienx hemm biżżejjed żmien.

7.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea. Il-ħin kien id-21:32.

## 8. MOZZJONI BIEX JITNEĦĦA T-TARAĠ TAL-BANDLI

8.1. Il-Kunsillier Agius ressaq mozzjoni biex taraġ li hemm fil-bandli Toni Vella jitneħħa. Dan minħabba li qed ikun hemm abbuż billi persuni jaqdu l-bżonnijiet naturali tagħhom wara t-taraġ fil-moħbi. Dan it-taraġ jidher ukoll li m'għandux biżżejjed użu minħabba li ftit passi 'l fuq hemm taraġ ieħor. Issekonda l-Kunsillier Galea.

8.2. Wara votazzjoni din il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

8.3. Din ir-riżoluzzjoni hija annessa f'E.

## 9. MOZZJONI BIEX JINĦATAR SOTTOKUMITAT TAL-FINANZI

9.1. Il-Kunsillier Bonnici ressaq mozzjoni biex jinħatar sottokumitat tal-finanzi. Issekondat is-Sindku.

9.2. Wara spjega mill-Kunsillier Bonniċi din il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

9.3. Ir-riżoluzzjoni hija annessa f'F.

## 10. RATI TAR-REKLAMI FUQ IL-FULJETT "IL-KUNTATT MAL-KUNSILL TIEGĦEK"

10.1. Is-SE informa li, għalkemm il-Kunsill ġieli biegħ reklami fuq il-fuljett tiegħu kien meħtieġ konferma tar-rati mill-istess Kunsill speċjalment minħabba li issa kien qiegħed jirrakkomanda sistema differenti li, minflok rati skont kull ċentimetru spazju, ikun hemm rati skont qisien stabbiliti. F'dan ir-rigward huwa ppreżenta abbozz ta' *rate card.*

10.2. Wara diskussjon kien hemm qbil li r-rati jkunu kif rakkomandat mis-SE iżda minflok li jkun hemm rati skont il-pożizzjoni tal-paġna (jekk hux fuq il-lemin jew fuq ix-xellug) ikun hemm żieda fil-prezz b'20% jekk min jordna r-reklam jispeċifika fejn iridu. Dan sabiex l-amministrazzjoni tkun aktar libera biex tpoġġi r-reklami fejn l-aħjar li jkun jaqbel skont iċ-ċirkostanzi u allura ma tkunx marbuta mal-post eżatt, sakemm ma jkunx speċifikat.

10.3. Ir-rati approvati huma annessi f'G.

## 11. TALBIET MILL-KUMITAT TAL-FESTI U L-FESTA TA' MARIJA BAMBINA

11.1. Il-Viċi Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Kumitat Festi Esterni li ddiskutew magħha l-problemi li kienu diġà inġiebu għall-attenzjoni tal-Kunsill.

11.2. Is-SE qara l-kummenti li kien għadda l-Kumitat tal-Festi.

11.3. Il-Kunsillier Bonnici tkellem dwar ir-regolament li kien applika l-Kunsill biex ma jkunx hemm sajran fil-Pjazza fuq barra. Huwa insista li għandu jkun hemm definizzjoni ċara dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil li sajran jinkludi wkoll il-preparazzjoni tal-ikel u għalhekk kien maqbul b'mod unanimu li, biex żgur ma jkunx hemm lok għal abbuż, kull preparazzjoni ta' ikel għandu jsir ġewwa.

11.4. Kien hemm qbil ukoll li bħala ikel *on display* m'għandux jitħalla aktar minn kampjun wieħed minn kull tip ta' ikel offrut.

11.5. Il-Viċi Sindku pproponiet li, biex ikun hemm aktar kontroll fuq il-gabbani u l-permessi tal-imwejjed u siġġijiet, għandu jitqabbad persuna bħala spettur tal-permessi.

11.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut kien skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:08.

11.7. Dwar il-proposta tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel li jqabbad lis-Sur Raymond Grima li kellu esperjenza ta' Uffiċjal Awtorizzat u jaf sewwa x-xogħol meħtieġ.

11.8. Waħda mill-punti tal-Kumitat tal-Festi kien dwar il-kwistjoni tal-konka fi Triq Santa Luċija. Il-Viċi Sindku rrappurtat li mil-laqgħa mal-Kumitat ħareġ li l-Kumitat ma kellux aktar problema minn din il-konka għaliex instabet soluzzjoni. Għalhekk il-Kunsill ma kellux aktar isegwi dan il-każ. B'dan għalhekk awtomatikament waqa' s-suġġett numru 12 fuq l-aġenda.

11.9. Punt ieħor tal-Kumitat tal-Festi kienet it-talba tat-tibdil tal-*cables* tal-azzar ta' Triq il-Parroċċa. Il-Kunsill qabel li jagħmel dan ix-xogħol bi sħab billi joħroġ nofs l-ispejjeż li b'kollox jammontaw għal madwar €400.

**12.** **TALBIET U ILMENTI LILL-KUNSILL**

12.1. Is-SE informa li kien jinsab pre-okkupat għall-fatt li dawn it-talbiet ma kienux qed jiġu diskussi fil-Kunsill.

12.2. Il-Kunsill fehem l-importanza iżda fl-istess ħin ħass li dawn it-talbiet kienu jikkunsmaw ħafna ħin mil-laqgħa u għalhekk idealment kellha tinstab sistema differenti.

12.3. Kien għalhekk maqbul li jkun iffurmat sottokumitat magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Galea biex jieħdu deċiżjoni fuq it-talbiet li jkun hemm.

***13.*** ***STREET ART***

13.1. Is-Sindku infurmat li kellha ħsieb li tipproponi lill-Kunsill inizjattivi ta' arti fit-toroq. Dwar dan kienet qed tipprova tagħmel kuntatti mas-sezzjoni tal-arti tal-MCAST biex tinvolvihom f'din l-inizjattiva bħala parti minn proġetti tal-istudenti.

13.2. Infurmat li kienet qed tistenna risposti iżda talbet li l-Kunsill japprova li tipproċedi b'din l-inizjattiva.

13.3. Il-Kunsill approva.

13.4. Il-Kunsilliera Miceli talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:26.

**14.** **IR-REVIŻJONI TAL-PJAN LOKALI**

14.1. Il-Kunsill kien infurmat bil-laqgħa li saret ma' uffiċjali tal-MEPA dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali. Il-Kunsill kien għalhekk mitlub biex jibgħat il-proposti tiegħu.

14.2. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jaġġornah għal-laqgħa li jmiss.

**15.** **TMIEM IL-LAQGĦA**

15.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

15.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 12 ta' Settembru fis-19:30pm.

15.3. Il-laqgħa intemmet fl-22:32.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 8

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mit-8 ta' Lulju 2013 sal-5 t'Awwissu 2013

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | A6iT Ltd | €54.98 | €54.98 | D | PF | Website host 29/09/13 till 28/09/14 | 11/07/2013 | 1170 | n/a | n/a | 3110 | |
| 2 | Adi Associates Ltd | €174.05 | €174.05 | T | PF | Review of planning applications - Jun 13 | 30/06/2013 | 1214 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance - Jun 13 | 30/06/2013 | 37892 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Jul 13 | 01/08/2013 | 146 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | |
| 5 | AMJ Legal | €51.67 | €51.67 | T | PF | Reimbursement on Dritt on ittra ufficjali Fogg Insurance vs NLC | 02/08/2013 | 153 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | |
| 6 | Arms Ltd | €140.86 | €140.86 | D | PF | Electricity & water consumption bills for the Old Mill in Triq Giuseppe Stivala period: May 12 to Jul 13 | 13/07/2013 | 17158581 | n/a | n/a | 2130 | 16811 |
| 7 | Arms Ltd | €466.00 | €466.00 | D | PF | Guarantee deposit in respect of Old Mill in Triq Giuseppe Stivala | n/a | n/a | n/a | n/a | 2130 | 16812 |
| 8 | Bank of Valletta | €120.00 | €120.00 | D | PF | Payment to MEPA - Rehabilitation of Misrah San Pawl - New Belle Vedere | n/a | n/a | n/a | n/a | 7600 | 16816 |
| 9 | Bitmac Works Ltd | €45.43 | €45.43 | D | PF | Instant Road Repair | 30/06/2013 | 99083 | 4443 | 4443 | 2311 | |
| 10 | Brian Zammit | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq il-Muftieh | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16821 |
| 11 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for T/02/11 - 8th claim on account | 16/07/2013 | 130703 | n/a | n/a | 3130 | |
| 12 | Caprice Glass Works Ltd | €35.40 | €35.40 | D | PF | Glass for lantern SPTT | 25/07/2013 | 9999 | 4453 | 4453 | 2310 | |
| 13 | CDA Ink & Toner Ltd | €89.99 | €89.99 | D | PF | 2 HP CE 285A Hp P1102 | 25/07/2013 | 10082 | 4459 | 4459 | 2620 | |
| 14 | Central Asphalt Co. Ltd | €8.26 | €8.26 | D | PF | Concrete Slabs | 05/07/2013 | 46824 | 4467 | 4467 | 2314 | |
| 15 | Central Asphalt Co. Ltd | €4.72 | €4.72 | D | PF | Kerb | 24/07/2013 | 46982 | 4467 | 4467 | 2314 | |
| 16 | Central Asphalt Co. Ltd | €123.07 | €123.07 | D | PF | Readymix concrete c20 qty 2 | 29/07/2013 | 47018 | 4460 | 4460 | 2314 | |
| 17 | Central Asphalt Co. Ltd | €1,619.17 | €1,615.12 | D | PF | Civil works for WSC works at Triq Nicholas Monsarrat | n/a | n/a | n/a | n/a | 7501 | |
| 18 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Jul 13 | 31/07/2013 | 184 | n/a | n/a | 3051 | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Commissioner of Inland Revenue | €2,516.02 | €2,516.02 | D | PF | FSS + NI - Jul 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 16814 |
| 20 | CRC Malta Ltd | €264.32 | €264.32 | K | PF | 8 conference chairs for the Conference room | 23/07/2013 | 5722 | 4336 | 4336 | 3320 | |
| 21 | CSD Office Trade | €76.52 | €76.52 | D | PF | Archive boxes, american archive boxes, blue biros, etc. | 25/07/2013 | 44829 | 4449 | 4449 | 2620 | |
| 22 | Daniel Frendo | €553.92 | €553.92 | D | PF | Reimbursement of payment for flight ticket for Youth in Action Project by AKL | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16730 |
| 23 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on 14/06/2013 - Re closure for L-Istorja Tmexxi s-Sengha Jun 13 | n/a | n/a | 4461 | 4461 | 3370 | 16815 |
| 24 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert for the 23/07/2013 - Tender for handymen | n/a | n/a | 4455 | 4455 | 2940 | 16813 |
| 25 | Desiree Mireille Azzopardi | €28.00 | €28.00 | D | PF | Reimbursement for BM Gloss colour 1ltr; BM Gloss enamel white 750ml; etc. | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | |
| 26 | Desiree Mireille Azzopardi | €29.00 | €29.00 | D | PF | Reimbursement for BM Gloss colour 1ltr; BM Gloss enamel white 750ml; etc. | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | |
| 27 | Diane Debono Galea | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Giuseppe Stivala | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16823 |
| 28 | Dr Maria Fatima Deguara | €817.35 | €817.35 | D | PF | Mayor's remuneration - Jul 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 29 | EcoPure | €425.00 | €425.00 | D | PF | 100 18.9ltrs of San Michel table water and 20 18.9ltrs of San Michel table water free | 12/07/2013 | 54634 | n/a | n/a | 3320 | |
| 30 | EcoPure | €7.08 | €7.08 | D | PF | 2 18.9ltrs San Michel Table Water | 31/07/2013 | 550099 | n/a | n/a | 3320 | |
| 31 | Florel Home | €40.00 | €40.00 | D | PF | Centre piece fresh flowers for Council meetings on the 19/06/2013 and the 11/07/2013 | 11/07/2013 | 8 | 4411 & 4442 | 4411 & 4442 | 3320 | |
| 32 | G4S Security Services Ltd | €336.30 | €336.30 | D | PF | Cash collection services - Jun 13 | 30/06/2013 | GS007819 | n/a | n/a | 3190 | |
| 33 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Jul 13 | 31/07/2013 | 2586 | n/a | n/a | 3065 | |
| 34 | Georgina Grima | €595.90 | €595.90 | D | PF | Nursing fees - Jun 13 | 30/06/2013 | Ġun-13 | n/a | n/a | 3150 | |
| 35 | Go plc | €62.29 | €62.29 | D | PF | Telephony monthly service - Jun 13 (21416341) | 11/07/2013 | 33534133 | n/a | n/a | 2160 | 16805 |
| 36 | Go plc | €206.48 | €206.48 | D | PF | Telephony monthly service - Jun 13 (21417224) | 11/07/2013 | 33534121 | n/a | n/a | 2160 | 16806 |
| 37 | Go plc | €16.88 | €16.88 | D | PF | Telephony monthly service - Jun 13 (21416363) | 11/07/2013 | 33534136 | n/a | n/a | 2160 | 16807 |
| 38 | Grace Camilleri | €223.56 | €223.56 | D | PF | Branch librarian services - Jul 13 | 03/08/2013 | Lul-13 | n/a | n/a | 2995 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | GS Superstore | €127.96 | €127.96 | D | PF | Nescafe, regilait fat skimmed milk, sugar, etc. | n/a | n/a | n/a | n/a | 3320 | |
| 40 | Guard & Warden Service House | €273.24 | €273.24 | D | PF | Traffic Management Service - Jun 13 "L-Istorja Tmexxi s-Sengha" | 30/06/2013 | 6731 | n/a | n/a | 3370 | |
| 41 | Guard & Warden Service House | €35.40 | €35.40 | D | PF | Traffic Management Service - 9th Jun 13 at Pjazza Vittorja | 30/06/2013 | 6681 | n/a | n/a | 3195 | |
| 42 | Guard & Warden Service House | €70.80 | €70.80 | D | PF | Traffic Management Service - 2nd Jun 13 at Pjazza Vittorja | 30/06/2013 | 6670 | n/a | n/a | 3195 | |
| 43 | Image Systems Ltd | €97.26 | €97.26 | D | PF | Rate per unit - photocopier | 30/06/2013 | FSMA/095891 | n/a | n/a | 2610 | |
| 44 | J&S Store | €86.05 | €85.85 | D | PF | Bolts and nuts, screws, drills, connector, etc. | 30/05/2013 | 7280 | 4401, 4425, 4426 & 4434 | 4401, 4425, 4426 & 4434 | 2240 | |
| 45 | Jeremy Micallef | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq il-Qoton | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16729 |
| 46 | Joe Galea | €25.96 | €25.96 | D | PF | 100 plastic bags | 02/08/2013 | 29467 | 4464 | 4464 | 2240 | |
| 47 | Joseph Pace de Gray | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq il-Gharghur | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16818 |
| 48 | Josephine Ghirxi | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16822 |
| 49 | Jurgen Attard | €1,176.00 | €1,176.00 | T | PF | Handyman service - Jun 13 | 30/06/2013 | Jun 13 | n/a | n/a | 3125 | 16731 |
| 50 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Ground warden services - Jul 13 | 31/07/2013 | 158718 | n/a | n/a | 3191 | |
| 51 | Leo's Garage Paramount | €130.42 | €130.42 | K | PF | Transport service for the elderly - Jun 13 | 30/06/2013 | 25536 | n/a | n/a | 2720 | |
| 52 | Malta Glass Creations Ltd | €59.00 | €59.00 | D | PF | Gondola Award on Glass Base with Engraving to Naxxar Lions | 15/07/2013 | 47 | 4452 | 4452 | 3690 | |
| 53 | Maltapost plc | €240.00 | €240.00 | D | PF | Purchase of Stamps | n/a | n/a | n/a | n/a | 2650 | 16804 |
| 54 | Maltapost plc | €102.06 | €102.06 | T | PF | Postage - Il-Kuntatt Gunju 2013 | 09/07/2013 | 47019 | n/a | n/a | 2650 | |
| 55 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | TV monthly service - July 13 | 01/07/2013 | 34224849 | n/a | n/a | 2165 | 16809 |
| 56 | Melita plc | €118.57 | €118.57 | D | PF | Telephony monthly service - July 13 and Fibre Powered Internet - July 13 | 01/07/2013 | 34224202 | n/a | n/a | 2160 | 16810 |
| 57 | Michael Gauci | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq l-Ifran | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16820 |
| 58 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity for Apr - Jun 2013 | 17/07/2013 | 28426 | n/a | n/a | 3110 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | MKM Garage | €207.68 | €207.68 | K | PF | Mini-Coach BIC to Cirkewwa + Gozo Tour & return | 11/07/2013 | 523 | 4438 | 4438 | 2720 | |
| 60 | Pandora Cane Work | €50.00 | €50.00 | D | PF | Cane works for the 22/06/2013 "L-Istorja Tmexxi s-Sengha" | 22/06/2013 | n/a | 4462 | 4462 | 3370 | |
| 61 | Petty Cash | €65.81 | €65.81 | D | PF | Petty Cash - August 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16817 |
| 62 | Ray Vella | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Sir Hannibal P. Scicluna | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16824 |
| 63 | Raymond Schembri | €175.00 | €140.00 | D | PF | Ghannejja - L-Istorja Tmexxi s-Sengha Jun 13 | 26/07/2013 | n/a | 4463 | 4463 | 3370 | |
| 64 | Richie's Ironmongery | €12.25 | €12.25 | D | PF | Rubble sacks blue x6 | 25/07/2013 | 3701AA | n/a | n/a | 2240 | |
| 65 | Richie's Ironmongery | €3.10 | €3.10 | D | PF | Cuation tape red/white | 25/07/2013 | 3702AA | n/a | n/a | 2240 | |
| 66 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Cleaning of the Naxxar Public Convenience - July 13 | 28/07/2013 | Nxr 7-13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 67 | Ricky Caruana | €493.35 | €471.90 | T | PF | Cleaning of the Naxxar Civic Centre - July 13 | 28/07/2013 | Nxr 7-13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 68 | Robert Suban | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq San Timotju | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16819 |
| 69 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fee - May 13 | 10/06/2013 | Inv 13/023 | n/a | n/a | 3160 | |
| 70 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fee - Jun 13 | 29/07/2013 | Inv 13/031 | n/a | n/a | 3160 | |
| 71 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fee - Jul 13 | 29/07/2013 | Inv 13/038 | n/a | n/a | 3160 | |
| 72 | Snowhite Laundry | €20.00 | €20.00 | D | PF | Dry Cleaning of 4 Small Flags | 12/07/2013 | 515581 | 4448 | 4448 | 2220 | |
| 73 | Staff wages | €7,151.46 | €7,151.46 | D | PF | Staff wages - Jul 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 74 | The Wholesaler B.E.L. Group Ltd | €507.35 | €507.35 | D | PF | Cable arm, metal halide fixture, metal halide lamp, light sensitive switch, etc. | 19/07/2013 | 23362 | 4447 | 4447 | 2310 | |
| 75 | Victor Mula | €1,264.20 | €1,264.20 | T | PF | Handyman service - Jun 13 | 30/06/2013 | Jun 13 | n/a | n/a | 3125 | 16732 |
| 76 | Victor Xuereb | €150.00 | €150.00 | D | PF | Changing of wire and fixing of Consumer Unit complete with Salva Vita at Gnien Mornago | 10/07/2013 | 10349403 | 4409 | 4409 | 2310 | |
| 77 | Victor Xuereb | €30.00 | €30.00 | D | PF | Maintenance of flushings - Naxxar Public Convenience | 15/07/2013 | 10349404 | 4409 | 4409 | 2310 | |
| 78 | Victor Xuereb | €25.00 | €25.00 | D | PF | Reimbursement with regards to payment affected to Archway Ironmongery obo Naxxar Local Council - Contactor 30Amps for SPTT's Chapel | n/a | n/a | n/a | n/a | 2370 | |
| 79 | Victor Xuereb | €300.00 | €300.00 | D | PF | Installation of flood lights, decorative poles & lantern at San Pawl tat-Targa | 29/07/2013 | 10349406 | 4409 | 4409 | 2310 | |
| 80 | Vodafone MT | €127.69 | €127.69 | D | PF | Telephony monthly service - Jun 13 | 01/07/2013 | 3612336072013 | n/a | n/a | 2160 | 16808 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Wasteserv Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Jun 13 | 15/07/2013 | 37945 | n/a | n/a | 3040 | |
| 82 | Weaving & Lace Craft | €118.00 | €118.00 | D | PF | Weaving making - L-Istorja Tmexxi s-Sengha | 10/07/2013 | Ref. 705/2013 | 4441 | 4441 | 3370 | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | **€42,901.47** | **€42,139.27** | | | | | | | | | |

**B**

**Purchase Order list for the month of July 2013** **01/08/2013**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/07/2013 | 4433 | Archway Ironmongery | Wire brush, 9 mtrs cable, 2 mtrs cord, circuit braker, etc. | €91.75 |
| 04/07/2013 | 4434 | J&S Store | 12 clips, rollers and brush | €13.06 |
| 20/06/2013 | 4435 | Artisans Centre | Silver presentation plaques & plaque fixed on trophy "Gieh in-Naxxar" | €200.60 |
| 21/03/2013 | 4436 | BDL Ltd | Beast Quest 3 Arcta the Mountain Giant; Beast Quest 5 nanook The Snow Monster, etc | €540.80 |
| 04/07/2013 | 4437 | BDL Ltd | Il-Kultura Maltija, Wartime Diary Of A Maltese Boy, L-Ghasafar tal-Ghana fil-Gzejjer Maltin, etc. | €700.00 |
| 11/07/2013 | 4438 | MKM Garage | Transport service from BIC to Cirkewwa + Gozo Tour & return | €207.68 |
| 11/07/2013 | 4439 | **Cancelled** | | |
| 12/07/2013 | 4440 | Maltapost | Stamps | €240.00 |
| 22/06/2013 | 4441 | Weaving & Lace Craft | Weaving making - "L-Istorja Tmexxi s-Sengha" | €118.00 |
| 11/07/2013 | 4442 | Floreal Home | Centre Piece Fresh Flowers - Council meeting dated 11/07/2013 | €20.00 |
| 16/07/2013 | 4443 | Bitmac Ltd. | Instant road repair | €33.98 |
| 16/07/2013 | 4444 | **Cancelled** | | |
| 16/07/2013 | 4445 | Archway Ironmongery | Plug 13Amps, neon, brush, hammerite, tape, etc. | €124.64 |
| 18/07/2013 | 4446 | Archway Ironmongery | Zrar, ramel, cement, cutting disk, brush, etc. | €139.55 |
| 18/07/2013 | 4447 | The Whole saler | Globes, cable, lamps for SPTT | €507.36 |
| 23/07/2013 | 4448 | Snowhite Laundry | Cleaning of flags | €20.00 |
| 19/07/2013 | 4449 | CSD Office Trade | Stationary for office | €76.52 |
| 22/07/2013 | 4450 | Archway Ironmongery | Rods, thread tape, tangit, fisher bolts, silicone, inspuction boxes, etc. | €122.79 |
| 22/07/2013 | 4451 | Archway Ironmongery | Clips, screws, tape, bar connector, spray hammerite, etc. | €98.08 |
| 15/07/2013 | 4452 | Malta Glass Creations Ltd | Gondola Award on Glass Base with Engraving - Naxxar Lions | €59.00 |
| 23/07/2013 | 4453 | Caprice Glass Works | Glass for lantern SPTT | €35.40 |
| 23/07/2013 | 4454 | DLG | Advert - 24/7/2013 - Tender handymen | €75.00 |
| 23/07/2013 | 4455 | DOI | Advert - 23/7/2013 - Tender handymen | €9.32 |
| 23/07/2013 | 4456 | Gauci Borda Co Ltd | Flags of Naxxar, Malta, EU | €183.20 |
| 23/07/2013 | 4457 | GS Superstore | Coffees, biscuits - conference room | €149.00 |
| 24/07/2013 | 4458 | Floreal Home | Flower arrangement for conference room 8/8/2013 | €20.00 |
| 24/07/2013 | 4459 | COA Ink & Toner Ltd | Toners | €89.98 |
| 24/07/2013 | 4460 | Central Asphalt Ltd. | Concrete | €123.07 |
| 10/06/2013 | 4461 | DOI | Advert for the 14/06/2013 - Re. closure for L-Istorja Tmexxi s-Sengha Jun 13 | €9.32 |
| 21/06/2013 | 4462 | Pandora Cane Work | Cane works for the 22/06/2013 "L-Istorja Tmexxi s-Sengha" | €50.00 |
| 21/06/2013 | 4463 | Raymond Schembri | Ghannejja - L-Istorja Tmexxi s-Sengha Jun 13 | €140.00 |
| | | | **Total** | **€4,198.10** |

ċ

**Income list for the month of July 2013** **01/08/2013**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0015 | Other Government Income - Skema Kulturali Christmas Festival 2012 & Lifelong learning 2012 | €6,610.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,757.40 |
| 0025 | Skip Permit | €76.44 |
| 0026 | Crane Permit | €780.79 |
| 0027 | Kiosk Permit | €605.54 |
| 0028 | Outside activity permit | €60.60 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €146.79 |
| 0036 | Gozo Region - 10% Adm fees - Sept12 -Dec12 | €41.89 |
| 0036 | Ghajnsielem Local Council - Pre regional contraventions | €69.88 |
| 0036 | San Gwann Local Council - Pre regional contraventions | €46.59 |
| 0036 | Regjun Centru - 10% Adm fees - Feb/ Mar/ Apr & May 12 | €1,449.88 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €59.64 |
| 0121 | Advertising | €140.00 |
| 0125 | Trenching permits | €14.15 |
| 4006 | Contractors guarantees | €830.00 |
| | **TOTAL** | **€12,689.59** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 8664 |
| | To | 8946 |

**D**

**<u>Riżoluzzjoni biex jinqata' l-użu ta' erbiċidi.</u>**

Il-Kunsillier Sciberras jipproponi:

Il-kunsill lokali għandu jieqaf jippermetti illi biex jinqatlu l-ħxejjex ħżiena minn fuq il-bankini u mal-ġnub kemm fiż-żoni urbani u rurali tat-toroq jintużaw l-erbiċidi. Wara diversi kummenti illi irċivejt u wara l-artiklu li deher fuq gazzetta lokali bl-ingliz, jidher biċ-ċar li għalkemm dawn it-tip ta' erbiċidi huma aktar effettivi qed iħallu effett negattiv fuq saħħet il-bniedem.

Għalhekk il-kunsill għandu jaċċerta li meta jinħarġu l-kuntratti l-ġodda tat-tindif tat-toroq, għandu jinkludi klawsola li tispeċifika li ma jistgħux jintużaw erbiċidi biex ikun ikkontrollat il-ħaxix ħażin fit-toroq.  Sadanittant però il-Kunsill għandu jagħmel tentattiv biex jidħol fi ftehim mal-kuntratturi preżenti biex din il-klawsola tiddaħħal immedjatament fil-kuntratti eżistenti.

Sekondanti: Pauline Miceli u Louis Bonnici

**Approvata l-Ħamis 8 ta' Awwissu.**

E

**RIŻOLUZZJONI BIEX JITNEĦĦA TARAĠ FI ĠNIEN TONI VELLA**

Il-Kunsillier Alexander Agius jipproponi:

Wara li ilni għal dawn l-aħħar ġimgħat insegwi l-ħmieġ li regolarment ikun hemm fejn id-daħla t'isfel tal-latrini fil-bandli, jidher ċar li minħabba li hemm it-taraġ, persuni irresponsabbli qed isibuha faċli li jinħbew wara dan it-taraġ biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. It-Tnejn, 22 ta' Lulju saħansitra kien hemm ħmieġ uman solidu.

Għaldaqstant qiegħed nipproponi li t-taraġ għandu jitneħħa biex ma jkunx hemm fejn wieħed jinħeba. It-tneħħija ta' dan it-taraġ m'għandha toħloq l-ebda inkonvenjenza lil min juża l-bandli għaliex pass biss 'il fuq hemm it-taraġ l-ieħor tal-latrina, li jinfed mal-bandli wkoll, filwaqt li xorta waħda jibqa' żewġ entraturi oħra.

Clifford Galea
Sekondant

**Approvata l-Ħamis 8 ta' Awwissu.**

F

**<u>Mozzjoni biex jinħatar Sotto-kumitat għall-Finanzi</u>**

Il-Kunsillier Louis Bonnici jipproponi:
Il-Kunsill Lokali għandu jaħtar sottokumitat għall-finanzi magħmul minn:

1. Is-Sindku
2. Il-Kunsillier Louis Bonnici
3. L-Accountant tal-Kunsill
4. Il-Kunsillier Pauline Miceli
5. Segretarju Eżekuttiv

It-termini tar-riferenza tas-Sottokumitat ikunu:
1. Jiskrutinja r-rapporti finanzjarji.
2. Jara li r-regolamenti finanzjarji jkunu qed jiġu segwiti.
3. B'konsultazzjoni mal-Kunsillieri u l-amministrazzjoni jħejji l-pedament għall-baġit u l-Pjan ta' tliet snin.
4. Jiżgura li jkun hemm il-kontrolli meħtieġa biex ikun hemm l-inqas ħela ta' riżorsi u jiżgura l-aħjar valur fi flus.
5. Jevalwa d-dokumenti tal-offerti qabel ma jinħarġu.
6. Jevalwa l-kwotazzjonijiet u l-offerti pubbliċi li joħroġ il-Kunsill meta jkunu sottomessi.
7. Jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar Bye Laws.
8. Jevalwa dak kollu li b'xi mod jaffettwa l-andament finanzjarju tal-Kunsill.

Ir-rowl tas-sottokumitat huwa biss rakkomandatorju u dak kollu li joħroġ mit-termini tar-riferenza huwa intiż biex jassisti lill-Kunsill biex jieħu l-aħjar deċiżjonijiet.
Fil-ħidma tiegħu is-sottokumitat ikun jista' jutilizza s-servizzi tan-nies professjonali tal-Kunsill.

Tissekonda: Maria F. Deguara – Sindku

**Approvata l-Ħamis 8 ta' Awwissu.**

G

Kunsill Lokali Naxxar

# Advert Rate Card - Il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek

- Publication Size: A4.
- Colour: Full Colour.
- Artwork/Images: To be supplied by the applicant in 300dpi.
- Distribution:
    - All Naxxar households and businesses (5300).
    - All Local Councils and Regions (73).
    - Parliamentary Deputies.
    - Local Associations (25).
    - Other Subscribers (100).
- Publication will also be available online.
- Allocation of Adverts on a first come first served basis upon payment only.
- For the Inside front and back pages, first preference will be given to full page adverts.

| | |
|---|---|
| Front Page:<br>21cm x 5cm  €140 | Back Page:<br>(Full page only)  €500 |
| Inside Pages - Full  | Inside Pages<br>Full Page: €250 |
| Half Page:<br>(Horizontal<br>or Vertical)  or  | Inside Pages<br>Half Page Left: €130 |
| Quarter Page:<br>(Horizontal<br>or Vertical)  or  | Inside Pages<br>Quarter Page Left: €70 |
| NOTE: The rates specified above are for adverts to be placed on either left or right pages at the discretion of the Council. To choose a specific placement there is a 20% added charge to the amounts shown above. | |